MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2009

Avviz Numru. 220/2008

**F. Advertising Limited (C 27689)**

**Vs**

**Joseph u Sandra konjugi Vella**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors in esami li permezz tieghu is-socjeta’ attrici talbet sabiex il-konvenuti jghidu l-ghaliex ma ghandhomx jkunu ikkundannati li jhallsu lill-istess socjeta’ attrici s-somma ta’ Euro4658.75 rapprezentanti ammont li huwa dovut mill-konvenuti ghal servizzi ta’ reklamar debitament rezi fuq inkarigu tal-konvenuti ai termini ta’ skrittura privata ffirmata mill-konvenuti datata 22 ta’Mejju 2006.

Bl-ispejjez u bl-imghaxjiet legali kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat l–atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi l-konvenuti, f’dan il-kaz, avolja debitament notifikati ma pprezentaw l-ebda risposta bil-miktub in konnessjoni mat-talba attrici (ara fol 13 u fol 14 tal-istess atti).

Illi, da parti tas-socjeta’ attrici, gie prodott Vincent Baldacchino, direttur tal-istess socjeta’, u dan, fis-seduta tallum stess, xehed u kkonferma, taht gurament, il-kontenut tal-istess rikors promotur kif ukoll li l-ammont mitlub fl-istess rikors ghadu dovut sad-data tallum.

Illi ghalhekk u a bazi ta’ dak premess, it-talba attrici ghandha tigi akkolta.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa’ t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex jhallsu lill-istess socjeta’ attrici s-somma ta’ Euro4658.75 bl-imghaxijiet legali mid-data tal-presentata tar-rikors in esami cioe mit-23 ta’ Mejju 2008 sad-data tal-pagament effettiv u kif ukoll l-ispejjes ta’ din il-procedura.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------